**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**IL-ĦMISTAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 8**

It-Tlieta, 7 ta' Lulju 2026

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.00 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Carmelo Abela, ippreseda.

## PREŻENTI

Il-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja l-Onor. Michael Falzon, il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel l-Onor. Anton Refalo u l-Ministru għall-Finanzi l-Onor. Clyde Caruana kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

Il-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali l-Onor. Malcolm Paul Agius Galea, l-Onor. Ray Abela, l-Onor. John Baptist Camilleri, l-Onor. Franco Mercieca, l-Onor. Alex Perici Calascione, l-Onor. Stephen Spiteri u l-Onor. Nigel Vella kienu skużati.

Il-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol l-Onor. Jonathan Attard kien assenti.

## TALBA

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-talba.

## MINUTI

Il-Minuti tas-Seduta Nru 7 li saret fis-6 ta' Lulju 2026 kienu kkonfermati.

## MISTOQSIJIET

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 19 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

## TQEGĦID TA' KARTI

Il-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat, l-Onor. Julia Farrugia, qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 162 — Tabelli li juru informazzjoni dwar in-numru ta' Blue Badges approvati fil-perjodu bejn Jannar 2025 u Mejju 2026 u n-numru ta' Blue Badges approvati maqsuma skont il-lokalità, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 503;

f'isem il-Prim Ministru qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 163 Dokument bl-isem *Manual on Resourcing Policies and Procedures* maħruġ mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni kif aġġornat fit-2 ta' Lulju 2026, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari W1;

f'isem id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 164 Rapport Annwali tal-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani (OPSA) għas-sena 2025;

f'isem il-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 165 Screenshot ta' post tal-Onor. Adrian Delia fuq *Facebook* b'rabta mal-allokazzjonijiet ta' akkomodazzjoni soċjali, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 163;

P.L. 166 Tabella li turi n-numru ta' embellishment projects li saru fl-oqsma tal-bini tal-Gvern fil-perjodu bejn Jannar 2024 u Ġunju 2026 maqsuma skont il-lokalità, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 536;

f'isem il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 167 Avviż Legali Nru 180 tal-2026 – Examination of Varieties of Agricultural Plant and Vegetable Species (Amendment) Regulations, 2026;

f'isem il-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 168 Avviż Legali Nru 181 tal-2026 – Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kondizzjonijiet Minimi ta' Taħriġ dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa;

f'isem il-Ministru għall-Finanzi, qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 169 Rapport Annwali u Stqarrijiet Finanzjarji tal-Uffiċċju tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji għas-sena 2025; u

f'isem il-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 170 Screenshot tal-webpage bl-isem *Applications for Parking Bays for Blue Badge Holders* fil-website ta' Transport Malta li turi tagħrif dwar reserved personalised parking bays, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 504; u

P.L. 171 Screenshot tal-webpage bl-isem *Applications for Parking Bays for Blue Badge Holders* fil-website ta' Transport Malta li turi tagħrif dwar communal reserved parking bays, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 505.

## MOZZJONIJIET

## ESTIMI TA' DĦUL U NFIQ TAL-AWTORITÀ GĦALL-AMBJENT U R-RIŻORSI GĦAS-SENA FINANZJARJA 2026 - MOZZJONI 13

Il-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, l-Onor. Miriam Dalli, ipproponiet:

Illi l-Kamra tapprova l-Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi għas-sena finanzjarja mill-1 ta' Jannar 2026 sal-31 ta' Diċembru 2026, skont l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, Kap. 549.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Miriam Dalli u l-Onor. Mark Anthony Sammut.

Meta l-Ispeaker qiegħed il-mistoqsija fuq il-mozzjoni kif imressqa mill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, intalbet votazzjoni, liema votazzjoni kellha tittieħed fis-seduta ta' nhar l-Erbgħa, 22 ta' Lulju 2026, skont ftehim milħuq fil-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra.

**ESTIMI TA' DĦUL U NFIQ TAL-KORPORAZZJONI GĦAS-SERVIZZI TAL-ILMA GĦAS-SENA FINANZJARJA 2026 - MOZZJONI 14**

Il-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, l-Onor. Miriam Dalli, ipproponiet:

Illi l-Kamra tapprova l-Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għas-sena finanzjarja mill-1 ta' Jannar 2026 sal-31 ta' Diċembru 2026, skont l-Att dwar il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, Kap. 355.

L-Onor. Deborah Schembri ssekondat.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Miriam Dalli, l-Onor. Mark Anthony Sammut u l-Onor. Toni Bezzina.

Meta l-Ispeaker qiegħed il-mistoqsija fuq il-mozzjoni kif imressqa mill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, intalbet votazzjoni, liema votazzjoni kellha tittieħed fis-seduta ta' nhar l-Erbgħa, 22 ta' Lulju 2026, skont ftehim milħuq fil-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra.

Fis-6.41 p.m. il-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun dak il-ħin u li jitressaq l-aġġornament.

**AĠĠORNAMENT**

Il-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, l-Onor. Miriam Dalli, ipproponiet l-aġġornament tal-Kamra għal nhar l-Erbgħa, 8 ta' Lulju 2026 fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**<u>Ordnijiet tal-Ġurnata</u>**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Armi | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Kummissjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ugwaljanza | Tieni Qari |
| Indirizz b'risposta għad-Diskors tal-President ta' Malta | Votazzjoni |
| Estimi ta' Dħul u Nfiq tal-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena 2026 | Votazzjoni |

| | |
|---|---|
| Estimi ta’ Dħul u Nfiq tal-Awtorità tal-Ippjanar għas-sena 2026 | Votazzjoni |
| Estimi ta’ Dħul u Nfiq tal-Awtorità dwar il-Protezzjoni ta’ Embrijuni għas-sena 2026 | Votazzjoni |
| Estimi ta’ Dħul u Nfiq tal-Awtorità tal-Artijiet għas-sena 2026 | Votazzjoni |
| Estimi ta’ Dħul u Nfiq tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi għas-sena 2026 | Votazzjoni |
| Estimi ta’ Dħul u Nfiq għall-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għas-sena 2026 | Votazzjoni |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Oppożizzjoni, mill-Onor. Toni Bezzina u mill-Onor. Michael Piccinino.

Fis-6.59 p.m. id-Deputy Speaker, l-Onor. Bernard Grech, avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 8 ta’ Lulju 2026 fl-4.00 p.m. kif komunikat mill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. CARMELO ABELA**
**SPEAKER**